Nru. 679

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:

L-Għar Ta' Xerri
fi Triq l-Għar Ta' Xerri
Ix-Xagħra, Għawdex

(ara l-pjanta f'paġna 6648) tista' tkun ta' valur xjentifiku hekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' 1-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetà msemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

Il-miżuri li ġejjin japplikaw għas-sit li jidher fil-pjanta f'paġna 6648:–

(i) Preżunzjoni ġenerali kontra żvilupp, inklużi thammil, thaffir, servizzi infrastrutturali u ta' utilità pubblika li jistgħu jagħmlu ħsara, jew jikkontribwixxu għal deterjorament ta' l-għar jew għall-karatteristiċi tiegħu.

No. 679

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely

L-Għar Ta' Xerri in
Triq l-Għar Ta' Xerri at
Xagħra, Gozo

(see site plan on page 6648) could be of scientific value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property may be in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

The following measures will apply in the site indicated in the plan on page 6648:–

(i) A general presumption against development, including excavation, trenching, infrastructure and public utility services, which could damage, or contribute to deterioration of the cave or its features.

(ii) Preżunzjoni ġenerali kontra żvilupp fejn emissjonijiet jew nixxigħat li jikkawżaw dannu jkunu x' aktarx li joħolqu problemi fl-għar.

(iii) It-tneħħija ta' elementi intrużivi minn ġewwa l-għar.

(iv) Li ssir żona ta' lqugħ biex iżżid tipproteġi l-għar.

(v) Id-dħul ta' nies fil-għar għandu jinżamm mill-anqas possibbli, barra minn aċċess għal żjarat bi gwida minn moghdijiet definiti.

(vi) Ma jitħallew isiru ebda żviluppi fiżiċi, inklużi alterazzjonijiet żgħar, ġewwa l-għar.

(vii) Isir kull sforz biex jiġu protetti l-karatteristiċi identifikati ta' interess xjentifiku u biex dawn ma jitħallewx jiddeterjoraw.

(viii) Permess għal żvilupp maġenb jew fuq il-proprjetà ikun ikkunsidrat biss jekk it-tnixxija ta' l-ilma minn ġol-blat għal ġewwa l-għar (minn fuqu u mill-ġnub tiegħu) li tikkontribwixxi għall-formazzjoni kontinwa ta' l-għar u ta' stalaktiti u stalagmiti, ma tintlaqatx ħażin, u basta li żvilupp bħal dan ma jikkontribwixxi għal dannu jew deterjorament ta' l-għar jew għall-karatteristiċi tiegħu.

(ix) Id-demolizzjoni, alterazzjoni, tkabbir, tħammil, tibjid jew mili ta' l-għar huwa pprojbit.

(x) Ma jitħalla jsir ebda tfigħ ta' materjal, ċaqliq ta' ħamrija jew tneħħija ta' blat u strutturi relatati, speċjalment stalaktiti u stalagmiti ġewwa l-għar.

(xi) Kull intervent fil-proprjetà li jista' jkun permess skond hawn fuq irid ikun approvat minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tigi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 47, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

(ii) A general presumption against development where noxious emissions or effluents are likely to create problems in the cave.

(iii) The removal of intrusive elements from within the cave.

(iv) The inclusion of a buffer zone to further the protection of the cave.

(v) Human intervention within the cave to be kept to the barest minimum, except for guided visitor access along existing defined paths.

(vi) No new physical development, including minor alterations, are permitted inside the cave.

(vii) All efforts are to be made to protect the identified features of scientific interest and to prevent their deterioration.

(viii) Development permission adjacent or on the property will only be considered provided that the seepage of water through the rock and into the cave (from above and the sides of the cave), that contributes to the continued formation of the cave and stalactites and stalagmites, is not adversely effected, and provided that such development does not contribute to damage to or deterioration of the cave or its features.

(ix) The demolition, alteration, enlargement, excavation, painting, or filling of the cave is prohibited.

(x) No dumping of material, movement of earth or removal of rock and related structures, especially stalactites and stalagmites, is allowed in the cave.

(xi) Any interventions on the property which might be permissible according to the above must be approved in advance by the Planning Authority.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 47, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.



PLANNING AUTHORITY

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords of Map:- Min E33306, N89818 Max E337291, N902831

Title :-

Emergency Conservation Order

Ref No. :- GF 562/1996

L-GHAR TA' XERRI in
TRIQ L-GHAR TA' XERRI at
IX-XAGHRA GHAWDEX

Site covered by ECO

Form No. :- MU003